PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2007/0069(CNS)

29.8.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra
(COM(2007)0190 – C6-0187/2007 – 2007/0069(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Barbara Kudrycka

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra (COM(2007)0190 – C6-0187/2007 – 2007/0069(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0190)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0187/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0000/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika ta' l-Ukraina.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) japprova l-fatt li ntlaħqu żewġ ftehimiet interdipendenti u paralleli ma' l-Ukraina dwar ir-rijammissjoni u l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra. Il-Kumitat jilqa' dawn il-ftehimiet b'sodisfazzjon, għaliex flimkien mal-Kodiċi għall-Viżi li se joħroġ ma jdumx, ma' l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni għall-Viżi (VIS) u ma' aktar koperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern, se jkabbru zona ta' libertà u ta' sigurtà lil hinn mill-UE biex tinkludi ġar qrib u importanti ħafna.

Il-Kumitat jemmen bi spirtu ta' impenn u ta' appoġġ komuni, l-UE u l-Ukraina jistgħu jiġġieldu kontra l-immigrazzjoni illegali b'mod effettiv u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u ta' soċjetà ċivili billi jitħeġġew il-kuntatt u l-ivvjaġġar iktar faċli tan-nies bejn żewġ partijiet kontraenti. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni preċedenti mill-awtoritajiet ta' l-Ukraina li jabolixxu r-rekwiżit ta' viża għal ċittadini ta' l-UE u huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għad ma kellhiex reazzjoni xierqa għal dik id-deċiżjoni.

Il-Parlament, fir-Riżoluzzjoni riċenti tiegħu dwar il-mandat għal negozjati għal ftehima msaħħa bejn il-KE u l-Ukraina [P6_TA-PROV(2007)0355] irrakkomanda li "tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' proċess iktar mgħaġġel biex jinħarġu l-viżi u tal-ftehimiet ta' rijammissjoni" u li "jitfassal l-objettiv ta' l-introduzzjoni ta' sistema ta' vjaġġi mingħajr il-bżonn ta' viża u jittieħdu l-passi meħtieġa biex din isseħħ". Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jaqbel għalkollox ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet bħall-ħtieġa li jingħata appoġġ tekniku u finanzjarju xieraq lill-Ukraina mill-KE u mill-Kummissjoni Ewropea b'mod partikulari, biex jintlaħaq livell għoli ta' implimentazzjoni tal-ftehima ta' rijammissjoni. It-tieni, jiġbed l-attenzjoni li r-rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq hija skond l-intenzjoni dikjarata fil-preambolu tal-ftehima dwar proċess iktar mgħaġġel biex tinħareġ viża, li tgħid li l-objettiv għall-futur imbiegħed huwa sistema ta' vvjaġġar mingħajr viżi bejn il-KE u l-Ukraina.

Il-Kummissjoni tista' ttejjeb l-affarijiet ukoll billi tniedi kampanja ta' informazzjoni u billi ssib metodi biex l-informazzjoni kollha meħtieġa tkun aċċessibbli faċilment għal kulmin jivvjaġġa fid-dawl ta' dawn il-ftehimiet u ta' ftehimiet oħra li ntlaħqu fil-qafas tal-Politika tal-Viċinat. S'issa, anke l-websajt tal-Kummissjoni ma fihiex informazzjoni sistematika u trasparenti dwar dan is-suġġett.

Il-Parlament jirrakkomanda ħafna li l-kumitat li jimmoniterja l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea stess jidentifikaw kwalunkwe ostakli asimmetriċi li ma jippermettux ir-reċiproċità tal-proċeduri u jsiru ostakli għal min jaħdem fil-konsulati kif ukoll għal min jivvjaġġa bejn il-fruntieri. B'mod partikulari, għandu jsir studju dwar jekk l-esternalizzazzjoni parzjali ta' servizzi konsulari ta' ħruġ ta' viżi jistax ikollha impatt fuq l-aċċessibilità għal dawn is-servizzi u jekk twassalx għal żieda mhux mixtieqa tal-prezzijiet tal-viżi jew toħloqx fenomenu ta' "viża-shopping".

Fl-aħħarnett, il-Kumitat LIBE jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tgħaddi informazzjoni lill-Parlament dwar ir-riżultati ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet.